MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 243/2011

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmen Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellata detentrici tal-karta tal-identita` numru 520256(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-1 ta' April, 2011, meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil Emanuel Fenech għal uliedhom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Mejju, 2011, fejn wara li rat l-artikolu 338(ll) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet l-imputata ħatja u lliberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx

reat iehor fi żmien ġimgħa ai termini ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-25 ta’ Mejju, 2011, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka is-sentenza tas-16 ta’ Mejju, 2011 mogħtija mill-Qorti tal-Familja u konsegwentament tilliberha minn kull imputazzjoni u piena

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, huma s-segwenti u cioe':-

i. Illi l-esponenti flimkien mar-raġel tagħha Emmanuel Fenech pproċedew bonarjament bis-separazzjoni personali ta’ bejniethom bi ftehim għall-access għar-raġel għal binthom minuri Pamela li għandha erbatax-il sena.
ii. Illi kull darba li Emmanuel Fenech kien imissu l-aċċess, l-esponenti flimkien ma’ bintha Pamela, dejjem niżlu l-Għassa tal-Hamrun.
iii. Illi l-minuri Pamela kull darba li niżlu l-Ghassa rrifjutat tmur ma’ missierha u dan peress li ma kinitx thossha komda miegħu.
iv. Illi kienet Pamela stess li xehdet fil-Qorti u b’mod konsisteni stqarret li missierha kien jeħodha ġewwa bars u kif ukoll jimmalafama lil ommha.
v. Illi fix-xhieda taghha, il-minuri kkonfermat li ommha – l-esponenti - kienet tgħidilha sabiex tmur ma missierha iżda hi ma kinitx trid tmur.
vi. Illi inoltre, bid-digriet ta’ l-11 ta’ Mejju, 2011, Ittra Nru: 595/2011 fl-ismijiet Carmen Fenech vs Emmanuel Fenech, il-Qorti ssospendiet l-aċċess għal perjodu ta’ erba` ġimgħat.
vii. Illi sabiex l-appellanta tigi ġustifikat jew eżonerata mill-obbligu li għandha fl-imsemmi digriet tal-Qorti tal-Familja, irid ikun hemm raġuni xierqa li minħabba fiha hu ma setax jattempora ruħu ma’ dak l-obbligu

viii. Illi kienet il-minuri stess li ma riditx tmur ma' missierha u mhux l-appellanta li ma riditx tibgħatha u dan skond ir-rapporti magħmula mill-minuri stess fl-Għassa tal-Hamrun.
ix. Illi għalhekk l-appellanta ma setatx tinsab ħatja ta' reat.
x. Illi "The basis of the Gillick decision seemed to be that in the absence of an express statutory rule, all parental authority "yields to the child's right to make his own decisions when he reaches a sufficient understanding and intelligence to be capable of making up his own mind on the matter requiring decision. The question where a child had sufficient understanding and intelligence must be an issue of fact in each case, depending on the complexity of the issues involved, and the child's emotional and intellectual maturity. Some decisions require a very high level of maturity and understanding but less complex issues would require a corresponding less highly developed intellectual and moral understanding" (Gillick v West Norfolk and Wisbech Area Health Authority, 1986)
xi. Illi stante li ma nġabet l-ebda prova li l-appellant kienet hi stess li kisret id-digriet ta' l-Onorabbli Qorti, l-esponenti tissottometti li għandha tiġi liberata mill-akkuża miġjuba kontriha stante li mix-xhieda tagħha stess irriżulta li riedet tibgħat lil minuri ma missierha.
xii. Illi l-verzjoni li tat l-imputata mhux talli hija kredibbli iżda saħansitra jekk wieħed jeżamina l-provi kollha prodotti, inkluż ċerti fatturi ċirkostanzjali, jasal għall-konklużjoni fl-agħar ipotesi għall-imputata fil-verżjoni tagħha. Dan il-grad ta' prova li għandha tirriżultha huwa biżżejjed għall-finijiet tal-liġi biex l-esponenti tiġi liberata mill-imputazzjoni u piena stante li l-eżistenza ta' dubju raġonevoli għandu jmur favur l-istess akkużata.

Fis-seduta ta' llum 20 ta' Jannar 2012, semghet lir-raġel tal-appellanti jgħid li hu qed jaħfer lill-mara tiegħu kif ukoll li issa irranġaw ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Ikkonsidrat

Id-digrieti u l-ftehim bejn il-partijiet jibqgħu jorbtu sakemm ma jkunx hemm digriet jew ftehim li jvarja dak id-digriet jew ftehim oriġinali. In-nuqqas ta' ħarsien ta' tali digriet jew ftehim iwassal biex tinstab ħtija.

Għalhekk, fid-dawl tax-xhieda mismugħa, il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fis-16 ta' Mejju, 2011 billi, filwaqt li tikkonfermha fejn sabet ħtija, qegħda tirriformha f'dik il-parti fejn flok ikkundannat lill-appellanti hija lliberatha bil-kundizzjoni taħt l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok qed tagħti biss twissija lill-appellanti R & A.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------